**PARROĊĊA SANT'ANNA WIED IL-GĦAJN**
**AVVIŻI 26 TA' JANNAR 2020**

### *Afternoon Tea* fis-Sala Sant'Anna

Għada l-Ħadd 26 ta' Jannar 2020 fit-3:00pm fis-Sala Sant'Anna jibda *Afternoon Tea*.

### Adorazzjoni tal-Ħniena Divina

It-Tnejn 27 ta' Jannar 2020 wara l-quddiesa tas-6:00pm jkollna l-Adorazzjoni tal-Ħniena Divina.

### Tberik tal-Familji

It-Tlieta 28 ta' Jannar 2020 fl-4:30pm inkomplu bit-tberik tal-familji fi **Triq il-Kavetti u Triq il-Ħut.**

### Kummissjoni Djakonija

Il-Ħamis 30 ta' Jannar 2020 fl-10:30am tiltaqa' l-Kummissjoni Djakonija fl-Uffiċċju Parrokkjali.

### Come to me

Fr Hayden Williams flimkien mal-Appostli u d-Dixxipli Franġiskani ser immexxu laqgħa ta' talb bl-ingliż fil-Parroċċa tagħna għall-persuni kollha li jitkellmu bil-lingwa ingliża. Din ser issir nhar il-Ħamis 30 ta' Jannar 2020 fis-7.30pm fis-Sala Sant'Anna. Inħeġġu lil kulħadd sabiex inxerdu l-kelma mal-barranin li jitkellmu bl-ingliż li jgħixu f'Malta.

### Il-Preżentazzjoni tal-Mulej, il-Kandlora

Il-Ħadd 2 ta' Frar hija l-Festa tal-Preżentazzjoni tal-Mulej fit-Tempju, il-Kandlora. Festa li tfakkarna li Ġesù hu d-dawl tal-ħajja tagħna. Qed nistiednu lit-tfal tal-parroċċa tagħna li ser jirċievu l-Ewwel Tqarbina din is-sena flimkien mal-familja tagħhom għall-quddiesa tad-9.15am. Kulħadd huwa mistieden iġib miegħu xemgħa bajda.

### Mother and Baby Club

Il-Mother and Baby Club se jorganizzaw Party tal-Karnival nhar l-Erbgħa 19 ta' Frar 2020.

### Kummissjoni Parrokkjali Tfal

Is-Sibt 22 ta' Frar 2020 il-Kummissjoni Parrokkjali Tfal qed torganizza party tal-Karnival għat-tfal bejn 5 snin u 12-il sena fis-Sala Sant'Anna mit-3.00pm sal-5.00pm.

**Bazaar**

Fis-Sala San Ġwakkin qed jitella' l-Bazaar tal-Parroċċa. Inħeġġiġkom sabiex tagħtu titwila.

**Fuljett 'Flimkien'**

Wasal il-fuljett *Flimkien* għax-xahar ta' Frar 2020. Nitolbu lid-distributuri biex jiġbru l-kopji tagħhom mis-sagristija, waqt li nirringrazzjawhom tas-servizz li qed jagħtuna.